

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni li twaqqaf l-għoti tal-allowance ta' espatrijazzjoni preċedentement mogħtija lir-rikorrenti

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-AKTK, tat-18 ta' Ġunju 2009, li permezz tagħha twaqqaf l-għoti ta' allowance ta' espatrijazzjoni preċedentement mogħtija lir-rikorrenti, skont l-Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, kif ukoll id-deċiżjoni tal-AKTK, tat-28 ta' Ġunju 2010, li permezz tagħha ġie miċħud l-ilment imressaq fit-2 ta' Ottubru 2009;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2010 — Lorenzo vs CESE

(Kawża F-29/10)

(2010/C 179/103)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Guillermo Lorenzo (Brussell, il-Belġju) (rappreżtant: N. Lhoëst, avukat)

Konvenut: Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni li ma tinkludix lir-rikorrent fost l-uffiċjali promossi għall-grad AD 3 fil-proċedura ta' promozzjoni 2009.

Talbiet tar-rikorrent

— Tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-KESE, adottata u ppublikata fit-30 ta' Ġunju 2009, li ma tinkludix l-isem tar-rikorrent fil-lista tal-uffiċjali promossi għall-grad AD 13 fil-proċedura ta' promozzjoni 2009;

— jekk ikun meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-KESE tal-5 ta' Frar 2010 li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrent taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2010 — de Fays vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-30/10)

(2010/C 179/104)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Philippe de Fays (Malèves Sainte Marie Wastinnes, il-Belġju) (rappreżtant: N. Soldatos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta li tirrikonoxxi l-orijini professjonali tal-marda tar-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

— Tannulla d-deċiżjonijiet tal-AIPN tat-8 ta' Settembru 2009 u tat-12 ta' Frar 2010 u tirrikonoxxi li r-rikorrent mhux kapaċi jaħdem minħabba mard professjonali mill-15 ta' Mejju 2005;

— sussidjarjament taħtar mill-ġdid kumitat mediku magħmul minn tobbja esperti ta' mard jonizzanti maħsub sabiex iġhidu jekk, matul l-eżerċizzju tal-attivitajiet professjonali tiegħu, ir-rikorrent ġiex expost għar-riskju li jiġi milqut b'marda jonizzanti;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2010 — Guittet vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-31/10)

(2010/C 179/105)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Christian Guittet (Cannes, Franza) (rappreżtant: L. Levi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea